

Brussell, 15 ta' Mejju 2023
(OR. en)

9135/23

JEUN 84
SUSTDEV 73
SOC 303
EDUC 157
EMPL 201

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali ta' Ewropa sostenibbli għaż-żgħażagħ

Id-delegazzjonijiet isibu anness il-konklużjonijiet imsemmijin hawn fuq, approvati mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażagħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tal-15 u s-16 ta' Mejju 2023.

Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri, imlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill dwar id-dimensjoni soċjali ta' Ewropa sostenibbli għaż-żgħażaġħ

IL-KUNSILL U R-RAPPREŻENTANTI TAL-GVERNIJET TAL-ISTATI MEMBRI,
IMLAQQGħIN FI ĦDAN IL-KUNSILL,

FILWAQT LI JFAKKRU:

1. Li l-Għanijiet Ewropej dwar iż-Żgħażaġħ #3 u #10 kif annessi mal-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ, intitolati "Soċjetajiet Inklużivi" u "Ewropa Ekoloġika Sostenibbli", kellhom l-għan li "tiġi permessa u żgurata l-inklużjoni taż-żgħażaġħ kollha fis-soċjetà" u li "tinkiseb soċjetà fejn iż-żgħażaġħ kollha jkunu attivi ambjentalment, edukati u kapaċi li jagħmlu differenza fil-ħajja tagħhom ta' kuljum"¹.

¹ Anness 3 tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġħ: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027, ĠU C 456, 18.12.2018.

2. Li ż-żgħażaġħ huma aġenti b'saħħithom² tal-bidla u l-innovazzjoni u s-sab essenzjali fl-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 għall-iżvilupp sostenibbli u ftehimiet u strumenti multilaterali oħra, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima³ u l-Patt Ekoloġiku Ewropew⁴. Barra minn hekk, il-prinċipju li ħadd ma jitħalla jibqa' lura huwa mtenni fl-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli⁵. Skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet tat-Tfal, kull tifel u tifla għandu d-dritt li jesprimi l-fehmiet tiegħu liberament fil-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw lit-tfal⁶. Iż-żgħażaġħ għandhom id-dritt li jipparteċipaw b'mod sinifikattiv fl-iżvilupp, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u s-segwitu ta' politiki li jaffettwawhom u lis-soċjetà ingenerali⁷.
3. Ir-rikonoxximent tad-djalogu u r-responsabbiltà interġenerazzjonali bħala pedament ta' tfassil ta' politika sod⁸, ir-rikonoxximent tar-rwol kruċjali taż-żgħażaġħ fl-azzjoni ambjentali u l-importanza li jiġi enfasizzat il-progress li sar biex jitrawwem involviment sinifikattiv taż-żgħażaġħ⁹.

² Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ komprensiv biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19 (dok. 9850/21).

³ In-Nazzjonijiet Uniti, Il-Ftehim ta' Pariġi, 2015.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, Komunikazzjoni tal-Kummissjoni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM (2019) 640 final.

⁵ Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għal Żvilupp Sostenibbli; Pubblikatur, Assemblea Ġenerali tan-NU, A/RES/70/1.

⁶ Nazzjonijiet Uniti, Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal. Riżoluzzjoni 44/25 tal-Assemblea Ġenerali.

⁷ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażaġħ li jiffaċilitaw il-parteeipazzjoni sinifikanti taż-żgħażaġħ (2021/C 501 I/04).

⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażaġħ biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali (2022/C 495/03).

⁹ Stockholm +50, The Global Youth Policy Paper: Third Official Version (Dokument ta' Politika dwar iż-Żgħożija Globali: It-Tielet Verżjoni Uffiċjali), Mejju 2022.

4. Is-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ 2022¹⁰ ipprovdiet momentum biex iż-żgħażaġh, inkluż iż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, jingħataw is-setgħa u jiġu appoġġati biex jiksibu għarfien u kompetenzi rilevanti sabiex isiru ċittadini attivi u involuti u awturi tal-bidla. Fil-konferenza tal-għeluq tas-Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ "Claim the Future" (Nieħdu Possess tal-Futur) li saret fis-6 ta' Diċembru 2022, daww li jfasslu l-politika u l-partijiet ikkonċernati taż-żgħażaġh tennew l-impenn konġunt tagħhom li jintegraw perspettiva taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika u li jżidu l-parteċipazzjoni tagħhom fil-proċessi tat-tfassil tal-politika. Kien hemm ukoll sejħiet għal enfasi akbar fuq il-kura tas-saħħa preventiva, il-ġlieda kontra l-problemi tas-saħħa mentali u s-solitudni kif ukoll aktar parteċipazzjoni f'attivitajiet sportivi organizzati.

KONXJI LI:

5. L-indirizzar tad-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli¹¹ huwa aspett kruċjali biex tingħata s-setgħa lill-gruppi vulnerabbli fis-soċjetà. Il-kwistjonijiet tal-iżvilupp sostenibbli huma intersezzjonali. L-esklużjoni soċjoekonomika u l-esklużjoni demokratika jimxu id f'id, u jaffettwaw sa liema punt iż-żgħażaġh ikunu jistgħu jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli. Il-kisba ta' żvilupp ġust, sostenibbli u inklużiv permezz ta' proċessi demokratiċi jeħtieġ li tqis il-perspettivi u l-opinjonijiet kollha, permezz tal-prinċipji tal-libertà tal-espressjoni u l-libertà tal-istampa u permezz ta' proċessi inklużivi fil-livelli kollha.
6. Il-grupp li niddefinixxu bħala "żgħażaġh" jikkonsisti f'għadd kbir ta' identitajiet, b'kapaċitajiet, ħtiġijiet, ridiet, riżorsi u interessi differenti li jiffaċċjaw diversi sfidi u opportunitajiet u li ġejjin minn diversi sfondi edukattivi, kulturali, ġeografiċi, ekonomiċi u soċjali. Dawn id-differenzi jaffettwaw l-interessi, il-possibbiltajiet u l-kapaċità tagħhom li jinvolvu ruħhom f'azzjonijiet għall-iżvilupp sostenibbli u l-ambjent.

¹⁰ Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022), ĠU L 462, 28.12.2021, p. 1–9.

¹¹ Għad-definizzjoni ta' "dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli", ara l-Anness II tal-anness.

7. Fatturi b'had-differenzi fid-densità tal-popolazzjoni u l-istruttura demografika, jiġifieri bejn iż-żoni urbani, rurali u remoti, periferiċi, iż-żoni inqas żviluppati u r-reġjuni ultraperiferiċi, jaffettwaw ukoll l-aċċessibbiltà u d-disponibbiltà ta' infrastruttura sostenibbli għaż-żgħażaġh.
8. Il-pandemija tal-COVID-19, il-kriżi tal-enerġija kkawżata mill-gwerra ta' aggressjoni tal-Federazzjoni Russa kontra l-Ukrajna u l-kriżi klimatika kixfu l-inugwaljanzi fis-soċjetajiet tagħna peress li l-kriżijiet affettwaw lil gruppi ta' żgħażaġh b'mod differenti u lil xi gruppi b'mod sproporzjonat. L-aċċess mhux ugwali għad-drittijiet tal-bniedem għaż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet, b'hall-aċċess għall-edukazzjoni u l-kura tas-saħħa, sar saħansitra aktar evidenti matul dawn il-kriżijiet. Il-prekondizzjonijiet b'has-saħħa mentali u fiżika, il-kondizzjonijiet tal-ġhajxien u tal-akkomodazzjoni, l-aċċess għat-tagħlim formali, mhux formali u informali, l-opportunitajiet ta' impjieg u l-attivitajiet tal-ħin liberu huma ta' importanza kruċjali għar-reżiljenza u l-opportunitajiet taż-żgħażaġh biex jgħixu b'mod sostenibbli.
9. Id-demokrazija u d-drittijiet tal-bniedem huma indiviżibbli fir-rigward tal-iżvilupp sostenibbli peress li t-tibdil fil-klima għandu impatt sproporzjonat fuq gruppi emarġinati f'sitwazzjonijiet vulnerabbli. Il-persuni bl-inqas riżorsi għandhom l-akbar diffikultà biex jadattaw għall-bidliet relatati mal-klima¹² u daww f'riskju ta' faqqar x'aktarx li jiffaċċjaw riskju akbar li jkunu esposti għat-tniġġis u problemi ambjentali¹³. Barra minn hekk, iż-żgħażaġh li huma dipendenti fuq ir-riżorsi naturali b'modi differenti, sabiex jaħdmu, jgħixu jew jinvolvu ruħhom fit-tradizzjonijiet kulturali tagħhom, jistgħu jiġu affettwati b'mod negattiv mit-tibdil fil-klima b'modi li jipperikolaw is-setgħa tagħhom li jsawru haġġithom¹⁴.

¹² Nazzjonijiet Uniti, Rapport Dinji dwar iż-Żgħażaġħ (2020).

¹³ Eurostat, Indikaturi tal-kwalità tal-ħajja - ambjent naturali u tal-ġhajxien, 2022.

¹⁴ Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM (2021) 82 final.

IQISU LI:

10. Iż-żgħażaġh kollha għandu jkollhom kondizzjonijiet tal-għajxien tajbin, perspettivi ta' impjieg, is-setgħa li jsawru ħajjithom u li jinfluwenzaw it-tfassil tal-politika u l-iżvilupp tas-soċjetà. Iż-żgħażaġh huma wieħed mill-pilastri tas-soċjetà taġna, kif ukoll detenturi tad-drittijiet tal-individwu u awturi tal-bidla¹⁵.
11. L-għarfien, il-perspettivi u l-esperjenzi taż-żgħażaġh jikkontribwixxu għal deċiżjonijiet politiċi aktar bi skop u huma riżorsi siewja fil-proċess demokratiku. Il-politika dwar iż-żgħażaġh għandha tadotta approċċ doppju billi tiżviluppa u tiffirma inizjattivi direttament maż-żgħażaġh, għalihom u minnhom permezz ta' parteċipazzjoni attiva u sinifikattiva miż-żgħażaġh, u billi tintegra l-politika dwar iż-żgħażaġh fl-oqsma kollha ta' politika.
12. Il-politika tal-UE dwar iż-żgħażaġh, inkluż id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, għandha tikkontribwixxi għall-ħolqien ta' soċjetà għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri kollha li fiha jiġu diskussi u solvuti l-akbar sfidi relatati ma' kwistjonijiet soċjali bħall-faqar, is-solitudni¹⁶ involontarja, is-saħħa mentali, l-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, mingħajr ma tiddeterjora s-sitwazzjoni globali.
13. Iż-żieda fl-inklużjoni soċjali taż-żgħażaġh kollha hija meħtieġa sabiex jiġi promoss il-fehim tal-isfidi globali interkonnessi li qed tiffaċċa d-dinja u biex iż-żgħażaġh jiġu appoġġati fil-kisba tal-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jgħixu b'mod aktar sostenibbli u biex jikkontribwixxu kemm individwalment kif ukoll kollettivament għal soċjetà aktar sostenibbli. Il-programmi tal-UE għaż-żgħażaġh Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll skemi u attivitajiet oħra tal-UE u nazzjonali ta' volontarjat jew ta' servizz ċiviku, fejn jeżistu, u inizjattivi għall-partiċipazzjoni ċivika, jistgħu jkunu għodod utli għal dan l-għan.

¹⁵ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-involviment fost iż-żgħażaġh bħala atturi tal-bidla sabiex jitħares l-ambjent (2022/C 159/07).

¹⁶ Għad-definizzjoni ta' "solitudni", ara l-Anness II tal-anness.

14. Iż-żgħażaġh kollha għandu jkollhom aċċess għal informazzjoni u data vverifikati bbażati fuq l-evidenza, ifformulati b'mod faċilment aċċessibbli għaż-żgħażaġh u f'diversi lingwi, biex jiġi żgurat li ż-żgħażaġh kollha jkunu jistgħu jassimilaw l-informazzjoni u jiżviluppaw imġiba sostenibbli u r-rwol tagħhom bħala aġenti tal-bidla u ċittadini infurmati.

JENFASIZZAW:

15. Li n-natura globali tal-isfidi bħall-pandemija tal-COVID-19, it-tibdil fil-klima u t-telf tal-bijodiversità jitolbu l-aktar kooperazzjoni wiesgħa possibbli, fil-livelli kollha, li tissalvagwardja l-parteċipazzjoni sinifikattiva u effettiva taż-żgħażaġh.
16. Il-ħtieġa ta' involviment ulterjuri taż-żgħażaġh f'politiki tal-iżvilupp sostenibbli fil-livelli kollha sabiex jiġu sfruttati l-potenzjal u l-kreattività taż-żgħażaġh, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-investment fiż-żgħażaġh iservi ta' ingranaġġ qawwi għal futur sostenibbli. Il-ħtieġa ta' djalogu dwar il-kwistjonijiet etiċi u soċjali relatati mal-iżvilupp sostenibbli, kemm fost iż-żgħażaġh kif ukoll bejn il-ġenerazzjonijiet fis-soċjetà, pereżempju permezz ta' djalogu interġenerazzjonali, hija essenzjali biex titrawwem it-tama u biex jinholq fehim u rispett għal perspettivi u realtajiet differenti.

17. Li ħafna żgħażaġh fl-Ewropa huma konxji u mobilizzati fir-rigward tat-tħassib tagħhom dwar kwistjonijiet ta' sostenibbiltà u ambjentali. Fl-istess ħin, hemm żgħażaġh li mhumie x involuti fi kwistjonijiet tas-soċjetà. Il-livell ta' mobilizzazzjoni u involviment iwarja minn persuna żaġżuġha għal oħra, skont fatturi differenti bħal, pereżempju, l-aċċess għall-informazzjoni, l-isfond edukattiv, l-istatus soċjoekonomiku jew il-pożizzjoni ġeografika. Gruppi differenti ta' żgħażaġh jeħtieġu tipi differenti ta' inkoraġġiment u appoġġ sabiex jipparteċipaw fl-iżvilupp tas-soċjetà. Għalhekk huwa meħtieġ li jittieħed approċċ olistiku u li jiġu żviluppati azzjonijiet inklużivi u parteċipattivi meta jiġu indirizzati kwistjonijiet bħal dawn, bħall-iżvilupp sostenibbli, id-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-opportunitajiet indaqs, il-ġustizzja soċjali u t-tibdil fil-klima.
18. Li l-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh, il-ħidma fost iż-żgħażaġh u attivitajiet oħra ta' taġlim mhux formali u informali huma importanti biex jipprovdu informazzjoni u appoġġ liż-żgħażaġh li jinsabu barra minn strutturi formali, u spiss jikkomplementaw servizzi pprovduti mill-awtoritajiet pubbliċi fil-livelli kollha.

JINNOTAW:

19. Il-messaġġ mill-parteċipanti tal-Konferenza tal-UE dwar iż-Żgħażaġħ f'Marzu 2023 dwar l-importanza li ż-żgħażaġh jingħataw informazzjoni affidabbli, aċċessibbli u faċli għall-utent u b'aċċess kemm għal edukazzjoni formali kif ukoll mhux formali dwar is-sostenibbiltà u t-tibdil fil-klima. Jinnotaw ukoll il-messaġġ tagħhom dwar l-importanza li jintużaw approċċi interġenerazzjonali u interdixxiplinari biex iż-żgħażaġh jingħataw is-setgħa billi jiġu pprovduti bl-informazzjoni, l-għarfien u l-għodod meħtieġa dwar kif jistgħu jinvolvu ruħhom fi Prattiki sostenibbli u inklużivi.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI, FIL-LIVELLI ADATTI, BIEX:

20. Jipprovdu strutturi u opportunitajiet ta' governanza aċċessibbli, sostenibbli u f'diversi livelli¹⁷ għall-organizzazzjonijiet taż-żgħażaġh u għaż-żgħażaġh, inkluż gruppi ta' żgħażaġh sottorappreżentati, f'konformità mal-aħjar prattiki eżistenti, eż. il-Kodiċi ta' prattika tajba tal-Kunsill tal-Ewropa għall-parteċipazzjoni ċivili fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet¹⁸, biex jippermettu involviment sinifikattiv u jiffaċilitaw mekkaniżmi aċċessibbli sabiex jipprovdu feedback u jwettqu l-evalwazzjoni ta' tali proċessi.
21. Jippromwovu opportunitajiet edukattivi għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh biex jiżviluppaw l-għarfien, il-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' inklużjoni soċjali u żvilupp sostenibbli fil-prattiki tagħhom, b'mod mhux formali.
22. Jinkoraġġixxu l-iżvilupp ta' opportunitajiet ta' taħriġ u taġlim professjonali għall-edukaturi¹⁹ inkluż dawk li jaħdmu maż-żgħażaġh, biex jinfurmaw u jeducaw aħjar u jagħtu aktar setgħa liż-żgħażaġh kollha f' kwistjonijiet ta' żvilupp sostenibbli, sabiex iż-żgħażaġh ikollhom l-opportunità li jagħmlu għażliet infurmati u sostenibbli fil-ħajja ta' kuljum u jinvolvuhom fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

¹⁷ Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, 2021/C 241/03.

¹⁸ Kunsill tal-Ewropa, Kodiċi ta' prattika tajba għall-parteċipazzjoni ċivili fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, CONF/PLE (2009)CODE1.

¹⁹ Għad-definizzjoni ta' "edukatur", ara l-Anness II tal-anness.

23. Jipprijoritizzaw is-saħħa u l-benesseri mentali fost iż-żgħażaġh, speċjalment billi jirrikonoxxu l-problemi tas-saħħa mentali bħala wieħed mill-aktar tħassib sinifikanti dwar is-saħħa taż-żgħażaġh²⁰, billi jsaħħu l-promozzjoni tas-saħħa mentali bbażata fuq l-għarfien, il-litteriżmu fis-saħħa mentali u l-isforzi ta' prevenzjoni f'ambjenti differenti permezz ta' approċċi transsettorjali u billi jippromwovu u jiżviluppaw aċċess ekwu għal servizzi tas-saħħa ta' kwalità li jkunu integrati, siguri u ffokati fuq in-nies, sabiex jittejbu s-saħħa, il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja taż-żgħażaġh, u b'hekk jiżdiedu s-saħħa u r-reżiljenza tas-soċjetà kollha kemm hi.
24. Jikkunsidraw l-applikazzjoni ta' perspettiva taż-żgħażaġh ibbażata fuq id-drittijiet²¹ għal politiki għal infrastruttura sostenibbli, speċjalment fir-rigward ta' trasport pubbliku u akkomodazzjoni affordabbli u aċċessibbli, sabiex jiġu pprovduti għażliet sostenibbli u ekoloġiċi għaż-żgħażaġh kollha.

JISTIEDNU LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, FILWAQT LI JADERIXXU MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, FL-OQSMA TA' KOMPETENZA RISPETTIVI TAGĦHOM U FIL-LIVELLI ADATTI, SABIEX:

25. Jikkunsidraw ir-riżultati tad-9 ċiklu fid-djalogu tal-UE maż-żgħażaġh fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' politiki futuri relatati mal-inklużjoni soċjali u l-iżvilupp sostenibbli.
26. Jiżguraw l-aċċess taż-żgħażaġh kollha għad-drittijiet tagħhom f'konformità mad-dikjarazzjonijiet u l-konvenzjonijiet internazzjonali billi jinkludu perspettiva taż-żgħażaġh ibbażata fuq id-drittijiet fit-tfassil, l-implimentazzjoni, il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni ta' miżuri li jaffettwaw liż-żgħażaġh fil-livelli kollha. Huwa importanti li dawh li jieħdu d-deċiżjonijiet ikun jista' jkollhom il-kompetenzi meħtieġa u l-aċċess għall-għodod xierqa biex jinħolqu proċessi ta' teħid tad-deċiżjonijiet inklużivi u parteċipattivi.

²⁰ Kummissjoni Ewropea, Direktorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Children and mental health: preventive approaches to anxiety and depression (It-Tfal u s-saħħa mentali: approċċi preventivi għall-ansjetà u d-dipressjoni), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.

²¹ Għad-definizzjoni ta' "perspettiva taż-żgħażaġh ibbażata fuq id-drittijiet", ara l-Anness II tal-anness.

27. Jappoġġaw aktar ir-riċerka u l-analiżi, bl-użu ta' għodod eżistenti bħal Wiki taż-Żgħażaġh²², u jiġbru data diżaggregata dwar kif l-esklużjoni soċjali u t-tibdil fil-klima huma relatati mas-saħħa mentali, il-benessri u l-kondizzjonijiet tal-għajxien taż-żgħażaġh, filwaqt li titqies il-ħtieġa possibbli ta' indikaturi u mekkaniżmi ta' monitoraġġ ġodda biex jitkejjel l-impatt tal-esklużjoni soċjali u t-tibdil fil-klima.
28. Itejbu l-aċċessibbiltà ta' mekkaniżmi differenti ta' parteċipazzjoni bħall-kunsilli taż-żgħażaġh, is-seduti tas-smiġh taż-żgħażaġh u l-konferenzi parteċipattivi, inkluż id-Djalogu tal-UE maż-Żgħażaġħ, kif ukoll għodod diġitali għall-parteċipazzjoni, filwaqt li jiżguraw li dawn jiffukaw fuq it-tħassib ta' gruppi differenti ta' żgħażaġh fis-soċjetà, inkluż gruppi mhux rappreżentati u sottorappreżentati ta' żgħażaġh biex jipparteċipaw u jassumu rwoli ewlenin f'tali mekkaniżmi.
29. Jagħmlu użu mill-potenzjal sħiħ tal-programm Erasmus+, il-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u l-FSE+, inkluż, fejn applikabbli, l-inizjattiva ALMA biex joħolqu opportunitajiet għal proġetti u azzjonijiet ta' mobbiltà aktar inklużivi u sostenibbli, inkluż mobbiltajiet ibridi, għaż-żgħażaġh kollha. Għandha ssir enfasi speċjali fuq il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh b'inqas opportunitajiet.

²² Wiki taż-Żgħażaġħ hija pjattaforma online ospitata mill-Kummissjoni Ewropea li tippreżenta informazzjoni dwar il-politiki tal-pajjiżi Ewropej dwar iż-żgħażaġh.

JISTIEDNU LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, F'KONFORMITÀ MAL-PRINĊIPJU TAS-SUSSIDJARJETÀ, SABIEX:

30. Tiżgura miżuri ta' informazzjoni fit-tul fil-livell Ewropew, inkluż permezz tal-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ u għodod ta' informazzjoni rilevanti oħra, b'mod adatt għaż-żgħażaġh, inklużiv, multilingwi u aċċessibbli b'rabta mal-politiki u l-programmi tal-UE relatati mal-iżvilupp sostenibbli u t-tibdil fil-klima, kif ukoll ma' proċess parteċipatorji fl-istituzzjoni Ewropej.
31. Tiffaċilita l-opportunitajiet għal attivitajiet ta' taġlim bejn il-pari dwar is-sostenibbiltà u l-inklużjoni.
32. Tippromwovi u tappoġġa aktar approċċ transsettorjali u sinerġiji ma' inizjattivi oħra bħall-"Koalizzjoni ta' Edukazzjoni għall-Klima", ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-taġlim għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli²³ u l-"Bauhaus Ewropea l-Ġdida".

²³ ĠU C 243, 27.6.2022, p. 1–9.

REFERENZI

Fl-adozzjoni ta' dawn il-konklużjonijiet, il-Kunsill u r-rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill ħadu nota tad-dokumenti li ġejjin:

- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.
- Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar Insawru Ewropa reżiljenti għall-klima - L-Istrateġija l-ġdida tal-UE dwar l-Adattament għat-Tibdil fil-Klima COM(2021) 82 final.
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar approċċ komprensiv biex titħaffef l-implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19 (dok. 9850/21).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar is-salvagwardja u l-ħolqien ta' spazji ċiviċi għaż-żgħażagħ li jiffaċilitaw il-parteċipazzjoni sinifikanti taż-żgħażagħ, (2021/C 501 I/04).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tad-dimensjoni interġenerazzjonali fil-qasam taż-żgħażagħ biex jitrawmu d-djalogu u l-koeżjoni soċjali (2022/C 495/03).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-trawwim tal-involviment fost iż-żgħażagħ bħala atturi tal-bidla sabiex jiġihares l-ambjent (2022/C 159/07).

- Konklużjonijiet dwar it-tisħiħ tal-governanza f'diversi livelli fil-promozzjoni tal-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, 2021/C, 241/03.
- Kunsill tal-Ewropa, Kodiċi ta' Prattika Tajba għall-Parteċipazzjoni Ċivili fil-Proċessi tat-Teħid tad-Deċiżjonijiet, CONF/PLE(2009)CODE1.
- Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar id-drittijiet tal-persuni b'diżabilità 2021-2030, COM(2021) 101 final.
- Deċiżjoni (UE) 2021/2316 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Diċembru 2021 dwar Sena Ewropea taż-Żgħażaġħ (2022), *ĠU L 462, 28.12.2021, p. 1–9*.
- Kummissjoni Ewropea, Direttorat Ġenerali tal-Impjiegi, l-Affarijiet Soċjali u l-Inklużjoni, Children and mental health: preventive approaches to anxiety and depression: European platform for investment in children (It-Tfal u s-Saħħa Mentali: approċċi preventivi għall-ansjetà u d-dipressjoni: Pjattaforma Ewropea għall-investiment fit-tfal), Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2021.
- Eurostat, Indikaturi tal-kwalità tal-ħajja - ambjent naturali u tal-ġħajxien. Settembru 2022.
- Il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni Ewropea, Proklamazzjoni Interistituzzjonali dwar il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali (2017/C 428/09).
- Qafas għall-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-Kummissjoni Ekonomika għall-Ewropa tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Edukazzjoni għall-Iżvilupp Sostenibbli mill-2021 sal-2030.
- JRC Science for Policy Report, Baarck, J., Balahur-Dobrescu, A., Cassio, L.G., D'hombres, B., Pasztor, Z. u Tintori, G., Loneliness in the EU (Is-solitudni fl-UE). Għarfien minn sħarriġiet u data tal-media online, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.
- OECD, Global Teaching InSights, Teaching for Climate Action – Summary of Insights (Taġħlim għal Azzjoni dwar il-Klima - Sommarju ta' Informazzjoni), 2021.

- Riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar qafas għall-kooperazzjoni Ewropea fil-qasam taż-żgħażaġh: L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għaż-Żgħażaġħ 2019-2027. *ĠU C 456*, 18.12.2018.
- Stockholm +50, The Global Youth Policy Paper: Third Official (Dokument ta' Politika dwar iż-Żgħozija Globali: It-Tielet Verżjoni), Mejju 2022.
- Transforming our world: the 2030 Agenda for Sustainable Development (Nittrasformaw id-dinja tagħna: l-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli); Assemblée Ġenerali tan-NU, A/RES/70/1.
- Nazzjonijiet Uniti, Rapport Dinji dwar iż-Żgħażaġħ (2020).
- Nazzjonijiet Uniti, il-Ftehim ta' Pariġi, 2015.
- Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabbiltà. Serje tat-Trattati 2515, 2006.
- Nazzjonijiet Uniti, Konvenzjoni dwar l-Aċċess għall-Infurmazzjoni, il-Parteċipazzjoni tal-Pubbliku fit-Teħid ta' Deċiżjonijiet u l-Aċċess għall-Ġustizzja f' Kwistjonijiet Ambjentali, Aarhus, 1998.
- Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal (1989) Trattat Nru 27531. Serje tat-Trattati tan-Nazzjonijiet Uniti, 1577, Artikolu 12.
- Nazzjonijiet Uniti, Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem, 1948.
- Nazzjonijiet Uniti, Rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, "Il-Futur Komuni Tagħna", [ir-rapport Brundtland], A/42/427, 1987.

DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

Edukaturi: jinkludu l-għalliema (daww li għandhom l-istatus rikonoxxut ta' għalliem jew ekwivalenti skont il-leġislazzjoni u l-prattika nazzjonali) u l-ħarrieġa (kull min iwettaq attività waħda jew aktar marbuta mal-funzjoni ta' taħriġ teoretiku jew Prattiku, jew f'istituzzjoni għall-edukazzjoni jew għat-taħriġ, jew fuq il-post tax-xogħol). Dan jinkludi lill-għalliema fl-edukazzjoni ġenerali u fl-edukazzjoni għolja, lill-għalliema u lill-ħarrieġa fl-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali inizjali u kontinwu, kif ukoll lill-professjonisti tal-edukazzjoni u tal-indukrar fit-tfulija bikrija u lill-edukaturi tal-adulti u l-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh²⁴.

Solitudni: is-solitudni għandha natura suġġettiva ħafna. Hija l-perċezzjoni ta' diskrepanza bejn in-network ta' relazzjonijiet mixtieq u dak attwali ta' persuna. Hija tiġi mġarrba għala esperjenza negattiva ħafna. Mhijiex biss li persuna jkollha ftit wisq kuntatti soċjali per se, iżda wkoll il-perċezzjoni li dawn ir-relazzjonijiet ma jkunux sodisfaċenti biżżejjed. Fi kliem ieħor, is-solitudni ma tfissirx li persuna tkun waħedha, iżda li tħossha waħedha. F'dan ir-rigward, is-solitudni hija differenti mill-iżolament soċjali, li għandu konnotazzjoni oġġettiva, definita minn nuqqas ta' relazzjonijiet ma' persuni oħra u/jew minn għadd żgħir ħafna ta' rabtiet sinifikanti²⁵.

²⁴ Kif definit fil-Konklużjonijiet tal-Kunsill u tar-Rappreżentanti tal-Gvernijiet tal-Istati Membri mlaqqgħin fil-Kunsill dwar l-Edukazzjoni u t-taħriġ tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh (*ĠU C 412, 9.12.2019*) u fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar it-tagħlim għat-tranżizzjoni ekoloġika u l-iżvilupp sostenibbli (*ĠU C 243, 27.6.2022*).

²⁵ JRC Science for Policy Report, Baarck, J., Balahur-Dobrescu, A., Cassio, L.G., D'hombres, B., Pasztor, Z. u Tintori, G., Loneliness in the EU. Għarfien minn sħarriġiet u data tal-media online, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

Perspettiva taż-żgħażaġh ibbażata fuq id-drittijiet²⁶: perspettiva taż-żgħażaġh ibbażata fuq id-drittijiet li torbot l-oġġettivi tal-politika taż-żgħażaġh mad-drittijiet tat-tfal u ż-żgħażaġh kif inhuma stipulati fil-konvenzjonijiet, liġijiet u regolamenti internazzjonali. Din għandha tkun ibbażata fuq ir-riċerka u l-istatistika u għandu jkollha l-għan li toħloq kondizzjonijiet biex iż-żgħażaġh jiġu inklużi fl-iżvilupp ġenerali tas-soċjetà, kemm mill-inizjattivi tagħhom stess kif ukoll mill-inizjattivi ta' dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet. Perspettiva taż-żgħażaġh ibbażata fuq id-drittijiet tista' tiffunzjona bħala metodu għal dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet biex jiksbu kompetenzi rilevanti biex iqisu l-perspettivi taż-żgħażaġh fit-teħid tad-deċiżjonijiet.

Dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli: l-iżvilupp sostenibbli huwa b'mod komuni definit bħal l-iżvilupp li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-preżent mingħajr ma jikkomprometti l-kapaċità tal-ġenerazzjonijiet futuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom stess²⁷. Dan jirrikjedi li jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet bażiċi ta' kulħadd u li tiġi estiża l-opportunità biex kulħadd ikun jista' jissodisfa l-aspirazzjonijiet tiegħu għal ħajja aħjar. L-iżvilupp sostenibbli jinkludi tliet dimensjonijiet: dik ekonomika, soċjali u ambjentali. Id-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli hija bbażata fuq il-valuri bażiċi tal-ekwità u d-demokrazija, inkluż l-iżgurar effettiv tad-drittijiet tal-bniedem kollha – dawk politiċi, ċivili, ekonomiċi, soċjali u kulturali – min-nies kollha. Fl-2021, il-Kunsill afferma mill-ġdid l-importanza tat-tisħiħ tad-dimensjoni soċjali tal-iżvilupp sostenibbli għall-promozzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri, l-inklużjoni, l-iżvilupp tal-bniedem, il-koeżjoni soċjali u l-ugwaljanza fil-forom kollha tagħha, kif ukoll id-djalogu soċjali, is-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u x-xogħol decenti²⁸.

²⁶ L-Aġenzija Żvediża għaż-Żgħażaġħ u s-Soċjetà Ċivili.

²⁷ Nazzjonijiet Uniti, Rapport tal-Kummissjoni Dinjija dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp, "Il-Futur Komuni Tagħna", [ir-rapport Brundtland], A/42/427, 1987.

²⁸ Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Approċċ Komprensiv biex Titħaffef l-Implimentazzjoni tal-Aġenda 2030 tan-NU għall-iżvilupp sostenibbli – Nibnu mill-ġdid aħjar wara l-kriżi tal-COVID-19 (dok. 9850/21).